32005D0114

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Frar 2005

dwar l-issoktar fis-sena 2005 ta' provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq żrieragħ u materjal ta' propagazzjoni tal-Gramineae, *Medicago sativa* L. u *Beta*, skond id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE u 2002/54/KE li ngħataw bidu fl-2004

(2005/114/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa taxxitla ta' l-għalf [1],

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa talpitravi [2],

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/11/KE tat-18 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi l-arranġamenti għallprovi u t-testijiet komprattivi tal-Komunità fuq iż-żrieragħ u lmaterjal ta' propagazzjoni ta' ċerti xtieli ta' speċji agrikola u talħxejjex u tad-dielja skond id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 92/33/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE għas-snin 2004 u 2005 [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2004/11/KE tistabbilixxi l-arranġamenti biex jitwettqu l-provi u t-testijiet komparattivi skond id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE u 2002/54/KE firrigward tal-Gramineae, *Medicago sativa* L u *Beta* għall-2004 u l-2005.

(2) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2004 għandhom jissoktaw fl-2005.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Provi u testijiet komparattivi tal-Komunità li ngħataw bidu fl-2004 fuq iż-żerriegħa u l-materjal ta' propagazzjoni tal-Gramineae, *Medicago sativa* L. u *Beta* għandhom jissoktaw fl-2005 b'konformità mad-Deċiżjoni 2004/11/KE.

Magħmula fi Brussell, fis-7 ta' Frar 2005

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/55/KE (ĠU L 114, tal-21.4.2004, pġ. 18).

[2] ĠU L 193, ta'-20.7.2002, p. 12. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).

[3] ĠU L 3, tas-7.1.2004, p. 38.